# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, l-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 2018**

**Kawża Numru 1**

**Ċitazz. Nru. 1032/99JRM**

Professur Ian **REFALO** bħala mandatarju ta' l-assenti Dr Anthony Borġ Grech

vs

Victor u Maryanne konjuġi **BORĠ GRECH**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Mejju, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li l-Qorti (i) tillikwida u tgħid minn xiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-ġenituri tiegħu fil-waqt tal-mewt ta' ommu; (ii) taqsam f'żewġt ishma ndaqs l-istess komunjoni tal-akkwisti u li dawk l-ishma jiġu assenjati lill-wirt rispettiv ta' kull wieħed mill-ġenituri tiegħu; (iii) tillikwida l-wirt ta' ommu bħala magħmul mill-ġid parafernali tagħha u minn sehemha likwidat tal-komunjoni tal-akkwisti; (iv) li, wara li jitnaqqsu l-legati mħollija mill-omm fit-testment tagħha, taqsam il-wirt ta' ommu f'żewġt ishma ndaqs li kull sehem minnhom jingħata lilu u lill-imħarrkin jew skond kif ommhom riedet fl-aħħar testment tagħha; (v) tillikwida l-wirt ta' missieru, kif magħmul mill-ġid parafernali tiegħu u minn sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti; (vi) tillikwida u tassenjalu s-sehem ta' leġittima li kien

jistħoqqlu mill-wirt ta' missieru; u (vii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż ta' din il-proċedura;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Awwissu, 1999, li biha l-imħarrkin miżżewġin Borġ Grech laqgħu għat-talbiet attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni tressqet qabel il-waqt għaliex kien għad hemm pendenti proċeduri quddiem il-Bord tal-Kummissarji Speċjali dwar it-Taxxa sewwasew dwar l-imsemmija wirtijiet, u għalhekk talbu li jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda u dan għaliex il-leġittima li l-attur jippretendi mill-wirt ta' missieru tinsab soddisfatta fil-legat imħolli lilu mill-istess testatur, u wkoll għaliex il-fatt li l-attur ma qagħadx għar-rieda tat-testatur, tilef il-jedd li jitlob il-wirt;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-16 ta' Frar, 2006[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin bl-ispejjez kontra tagħhom, u ħalliet il-kawża *sine die* għall-finijiet tal-liġi sakemm titressaq id-denunzja tas-suċċessjoni;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili fl-20 ta' Ottubru, 2008[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-appell tal-imħarrkin, ikkonfermat is-sentenza appellata, u ordnat li l-atti jintbagħtu lura lil din il-Qorti biex fuq talba minn xi waħda mill-partijiet, il-kawża tiġi riappuntata minn *sine die*;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Settembru, 2013, fuq rikors imressaq mill-attur *nomine* b'rikors tiegħu tat-23 ta' Awwissu, 2013[3], li bih reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-listi tas-smigħ wara li l-attur għarrafha li kull ammont dovut lill-Uffiċju tat-Taxxi Interni b'rabta mal-wirt kien tħallas;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2013[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2014[5], li bih u wara talba li saret mill-attur *nomine* f'rikors tiegħu tas-27 ta' Jannar, 2014, ħatret lill-Perit Arkitett Edgar Rossignaud, suġġerit mill-partijiet, bħala perit tekniku biex jistma u jidentifika l-wirt ta' kull wieħed mill-ġenituri tal-partijiet;

Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fit-8 ta' Lulju, 2015[6], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-1 ta' Diċembru, 2015;

---

[1] Paġġ. 108 – 113 tal-proċess
[2] Paġġ. 131 – 154 tal-proċess
[3] Paġ. 157 tal-proċess
[4] Paġ. 159 tal-proċess
[5] Paġ. 233 tal-proċess
[6] Paġġ. 250 – 7 tal-proċess

Rat iż-żewġ noti[7] imressqa f'isem il-partijiet, li biha separatament talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2015[8], li bih awtorizżżat lill-partijiet li jitħallew iressqu lill-perit tekniku b'xhud tagħhom in eskussjoni;

Rat in-Noti tat-12 ta' Frar, 2016[9], u tat-13 ta' April, 2016[10], imressqa mill-partijiet rispettivi bil-mistoqsijiet lill-perit tekniku eskuss;

Rat in-Nota tat-23 ta' Mejju, 2016[11], imressqa mill-perit tekniku bit-tweġibiet tiegħu għall-mistoqsijiet tal-partijiet, u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-25 ta' Mejju, 2016;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2016[12], li biha talbu li jressqu lill-perit tekniku ulterjorment biex jiġu ċċarati xi tweġibiet mogħtija minnu, liema talba ġiet milqugħa;

Rat in-nota tas-27 ta' Ottubru, 2016[13], li biha l-imħarrkin ressqu mistoqsijiet ulterjurji lill-perit tekniku, u t-tweġibiet għalihom tal-perit tekniku eskuss tal-1 ta' Novembru, 2016[14], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ ta' dakinhar;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u quddiemha;

Rat id-degriet tal-1 ta' Novembru, 2016[15], li biha awtorizzat lill-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tal-għeluq bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-13 ta' Jannar, 2017[16];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-7 ta' April, 2017[17], tal-imħarrkin bi tweġiba għal dik ta' l-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' April, 2017[18], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[7] Paġġ. 291 u 293 tal-proċess
[8] Paġ. 292 tal-proċess
[9] Paġġ. 294 – 5 tal-proċess
[10] Paġġ. 304 – 7 tal-process
[11] Paġ. 308 – 18 tal-proċess
[12] Paġ. 320 tal-proċess
[13] Paġ. 322 – 5 tal-proċess
[14] Paġ. 326 – 331tal-proċess
[15] Paġ. 334 tal-proċess
[16] Paġġ. 337 sa 342 tal-proċess
[17] Paġġ. 347 sa 361 tal-proċess
[18] Paġ. 363 tal-proċess

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-qsim ta' wirt u għall-ħlas ta' leġittima (sehem riżervat). L-attur irid li ssir il-likwidazzjoni tal-wirt ta' kull wieħed miż-żewġ ġenituri tiegħu u li, fil-każ tal-wirt ta' ommu, jieħu s-sehem tiegħu flimkien mal-imħarrek ħuh; filwaqt li, fil-każ tal-wirt tal-missier, jingħata sehmu mil-leġittima (illum imsejjaħ is-sehem riżervat);

Illi l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-kawża saret qabel waqtha u għandhom jinħelsu milli jibqgħu aktar fiha. Fil-mertu, qalu wkoll li l-leġittima li l-attur jippretendi mill-wirt ta' missieru tinsab soddisfatta fil-legat imħolli lilu mill-istess testatur, u wkoll għaliex il-fatt li l-attur ma qagħadx għar-rieda tat-testatur, tilef il-jedd li jitlob il-wirt;

Illi ladarba bis-sentenza preliminari tas-16 ta' Frar, 2006, din il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin, xogħol din il-Qorti issa huwa li tqis it-talbiet fil-mertu u l-eċċezzjonijiet fil-mertu għalihom. Trid għalhekk tqis minn xiex huwa magħmul il-wirt ta' kull wieħed mill-ġenituri u, fil-każ tal-wirt tal-omm, taqsmu skond it-testment tagħha. Fil-każ tal-wirt tal-missier, trid tara jekk l-attur għandux fil-fatt il-jedd li jitlob is-sehem tiegħu mill-wirt ta' missieru u, jekk dan huwa l-każ, tara kemm jiġi dan is-sehem (riżervat);

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-attur u l-imħarrek huma aħwa, ulied il-mejtin miżżewġin Ernest (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-missier") u Yvonne Borġ Grech imwielda Formosa (minn issa 'l hemm imsejħa "l-omm"). L-omm mietet f'Settembru tal-1987[19], u l-wirt tagħha huwa regolat permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tal-14 ta' Jannar, 1986[20]. Minn naħa l-oħra, il-missier miet erba' snin wara martu, fi Frar tas-sena 1991[21], u l-wirt tiegħu huwa wkoll regolat permezz ta' l-istess testment *unica charta*, kif aktar 'il quddiem emendat permezz ta' testment ieħor fl-atti tal-istess Nutar Saydon tad-29 ta' Awwissu, 1989[22];

Illi fit-testment *unica charta*, it-testaturi fost l-oħrajn, (a) ħallew lil min jibqa' ħaj minn fosthom l-użufrutt tal-ġid tagħhom, inkluż id-dar taż-żwieġ tagħhom, jiġifieri "*Id-Dar tas-Siġra*", fi Triq l-Arżnu, San Ġwann, b'kulma fiha mill-għatba 'l ġewwa; (b) ħallew b'legat lil binhom l-imħarrek Victor is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) bħala rikonoxximent tal-fatt li lil binhom l-ieħor l-attur kienu ħallsulu l-edukazzjoni biex seta' jistudja barra minn Malta; (ċ) taw lil xulxin il-jedd li min jibqa' ħaj minnhom seta' jibdel it-testment tiegħu b'mod ieħor minn dak miftiehem fit-testment li sar flimkien, mingħajr ma jaqa' fil-

[19] Dok. "A" f'paġ. 6 tal-proċess
[20] Dok. "B" f'paġ. 7 – 10 tal-proċess
[21] Dok. "C" f'paġ. 11 tal-proċess
[22] Dok. "D" f'paġ. 12 – 4 tal-proċess

penali maħsuba fil-liġi; (d) u ħallew bħala werrieta universali tal-ġid tagħhom kollu liż-żewġ uliedhom, Victor u Anthony, f'ishma ndaqs, imma jekk kemm-il darba xi wieħed minnhom jipprova jattakka t-testment, ikollu jedd biss għal-leġittima;

Illi d-denunzja tas-suċċessjoni tal-omm tressqet fit-18 ta' Jannar, 1988[23];

Illi jirriżulta li wara l-mewt tal-omm, l-imħarrkin marru jgħixu fl-ewwel sular tal-fond "*Id-Dar tas-Siġra*", fi Triq l-Arżnu, San Ġwann, b'titolu ta' kera mingħand il-missier[24], filwaqt li l-missier baqa' jgħix fit-terran ta' l-istess fond sa mewtu. Skond il-kitba tal-kirja, li ġġib id-data tat-18 ta' Lulju, 1989, l-imħarrek ingħata l-jedd li jgħix b'titolu ta' kirja fil-fond kollu suġġett għal żieda fil-ħlas tal-kera;

Illi, min-naħa l-oħra, l-attur baqa' jgħix barra minn Malta wara li temm l-istudji tiegħu u fil-fatt jgħix u jaħdem bħala tabib fir-Renju Unit[25];

Illi wara l-mewt tal-omm, il-missier resaq fuq testment fid-29 ta' Awwissu, 1989, u filwaqt li ikkonferma t-testment *unica charta* tal-14 ta' Jannar, 1986, ħassar u irrevoka s-seba' artikolu tiegħu (jiġifieri dak l-artikolu li bih l-attur u l-imħarrek ħuh inħatru bħala werrieta universali tat-testaturi), u minflok (a) ħalla b'titolu ta' prelegat (f'biċċa minnu "*di cosa altrui*") remuneratorju lill-imħarrek u lil martu Maryanne, id-dar taż-żwieġ tiegħu (jiġifieri "*Id-Dar tas-Siġra*", ġewwa San Ġwann), flimkien ma' kulma jinsab ġo fiha, minkejja li kien jaf li l-istess imħarrek kellu diġa' sehem ta' kwart ($^{1}/_{4}$) minn dan il-fond (bis-saħħa tal-fatt li n-nofs tas-sehem tal-omm kien intiret mal-mewt tagħha) filwaqt li l-kwart ($^{1}/_{4}$) l-ieħor kien isejjaħ bħala sid lill-attur; u (b) ħalla b'titolu ta' legat lill-attur, bħala sehmu mill-assi ereditarji tat-testatur, is-sehem tan-nofs ($^{1}/_{2}$) mhux maqsum li t-testatur għandu mill-fond "*Saint Elena's Palace*", fi Triq il-Wied, f'Birkirkara (li f'dak il-waqt kien mikri lis-Soċjeta' Filarmonika "*Duke of Connaught*" bħala s-sede tagħha), flimkien mas-somma ta' ħamest elef lira Maltin (Lm5,000) li kellha titħallas lilu mill-werrieta fi żmien għaxar (10) snin, bir-rata ta' ħames mitt Lira Maltin (Lm 500) kull sena. It-testment jispeċifika li kemm-il darba ibnu l-attur jinsisti għal xi ħaġa aktar, jew jitlob il-leġittima jew xi kumpens ieħor mid-dar taż-żwieġ tiegħu mal-omm, huwa jiddekadi u jiġi eskluż minn kull benefiċċju mħolli lilu fl-istess testment. Minbarra dan, rabat lill-attur li, jekk kemm-il darba jikkontesta t-testment tal-missier, l-attur ikun obbligat ukoll iħallas lura s-sehem tiegħu mit-taxxa tas-suċċessjoni li tħallset wara l-mewt tal-omm; u (ċ) innomina lill-imħarrek u lil martu Maryanne, bħala werrieta universali tal-ġid kollu li kellu;

Illi mill-atti joħroġ li r-rapport bejn l-attur u l-missier ħżienu maż-żmien[26];

[23] Dokti. E" u "E1" f'paġġ. 23 – 31 tal-proċess
[24] Dok. "I" f'paġ. 35 tal-proċess
[25] Ara affidavit tal-attur Dok. "AB, f'paġġ. 166 – 7 tal-proċess
[26] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġ. 179 tal-proċess

Illi fid-19 ta' Novembru, 1997[27], l-imħarrkin interpellaw lill-attur sabiex jersaq biex jiġi immess fil-pussess tal-legat imħolli lilu fit-testment (addizzjonali) tal-missier;

Illi minħabba li ma kienx hemm bqil bejn l-attur u l-imħarrkin dwar dak li hu dovut lill-attur, il-ġid tal-ġenituri tagħhom baqa' ma ġiex likwidat u lanqas inqasam;

Illi l-attur fetaħ il-kawża f'Mejju tal-1999;

Illi d-denunzja tas-suċċessjoni tal-missier tressqet fid-29 ta' Mejju, 2001[28];

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ, jingħad li dawn jieħdu żewġ xejriet: l-ewwel, dik marbuta mat-tifsira li għandha tingħata liż-żewġ testmenti li jirregolaw il-ġid tal-miżżewġin Borġ Grech. Dan irid isir minħabba li l-missier inqeda bil-fakolta' mogħtija lilu minn martu, li mietet qablu, biex biddel uħud mid-disposizzjonijiet testamentarji maqbula bejniethom fit-testment tagħhom "*unica charta*". It-tieni kunsiderazzjoni, hija dik marbuta mal-likwidazzjoni tal-ishma u l-valuri li għandhom jingħataw lill-ġid u ż-żminijiet li jridu jitqiesu biex wieħed jasal għalihom;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tfisser il-fehma tagħha dwar l-argumenti mressqa mill-partijiet, jidhrilha li jkun xieraq li tirrileva l-kwestjoni ta' liema liġi tgħodd għall-każ. Dan qiegħed jingħad għaliex kemm it-testment *unica charta*, kif ukoll it-testment addizzjonali tal-missier saru fi żmien meta l-liġi li tirregola s-suċċessjoni ma kinitx l-istess li nsibu llum[29]. Dan il-ħsieb jgħodd ukoll għaċ-ċirkostanza ta' meta nfetaħ kull wieħed mill-wirtijiet tal-omm u tal-missier. Minħabba li fil-każ li għandna quddiemna, l-wirt ta' kull wieħed mill-ġenituri nfetaħ qabel ma daħlu fis-seħħ l-imsemmija bidliet, il-kwestjoni trid titqies skond kif kienet il-liġi fis-seħħ f'dak iż-żmien[30];

Illi l-Qorti tibda biex tistħarreġ **it-tifsir li għandu jingħata liż-żewġ testmenti li jirregolaw il-ġid** tal-konjugi Borġ Grech. Fl-ewwel testment, jiġifieri dak li sar mill-ġenituri tal-partijiet flimkien, fit-tieni artikolu tiegħu, it-testaturi ħallew legat lill-imħarrek fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000); fir-raba' artikolu, it-testaturi ħallew lil xulxin l-użufrutt tal-ġid kollu tagħhom; fis-seba' artikolu, ħatru bħala werrieta universali tagħhom f'ishma ndaqs liż-żewġt uliedhom Anthony u Victor Borġ Grech, filwaqt li fis-sitt artikolu, it-testaturi minn

[27] Dok. "H" f'paġ. 34 tal-proċess
[28] Dok. "JRPX2" f'paġġ. 207 – 212 tal-proċess
[29] Bidliet wesgħin li daħlu fis-seħħ bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2004, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Frar, 2005 u fl-1 ta' Marzu, 2005 (A.L. 37 tal-2005 u A.L. 48 tal-2005)
[30] Art. 116(2) tal-Att XVIII tal-2004

jeddhom taw il-fakolta' lil min jibqa' ħaj minnhom, li jista' jibdel xi disposizzjoni mill-istess testament;

Illi bis-saħħa tat-testment aġġuntiv, il-missier ikkonferma t-testment "*unica charta*", imma ħassar u bidel is-seba' artikolu tiegħu, u għamel tliet tibdiliet: l-ewwel, ħalla bi prelegat lill-imħarrkin il-fond imsejjaħ "*Id-Dar tas-Siġra*" ġewwa San Ġwann; it-tieni, ħalla b'legat lill-attur nofs ($^1/_2$) mhux maqsum tal-fond "*Saint Elena's Palace*" ġewwa Birkirkara flimkien mas-somma ta' ħamest elef liri Maltin (Lm5,000); u t-tielet, ħatar bħala werrieta universali tiegħu lill-imħarrkin f'ishma ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni ta' xulxin;

Illi l-Qorti sejra tqis l-**ewwel talba attriċi**. Din titlob li l-Qorti tgħid minn xiex kienet magħmula l-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri tal-partijiet fil-waqt tal-mewt tal-omm. Jidher li l-partijiet joqogħdu fuq dak li kien imsemmi fid-denunzji tas-suċċessjoni tar-rispettivi ġenituri[31]. Minn dawn id-dokumenti joħroġ li l-ġid tal-imsemmija komunjoni kien magħmul minn (a) id-dar taż-żwieġ bl-isem ta' "*Id-Dar tas-Siġra*" fi Triq l-Arżnu, f'San Ġwann; (b) minn elfejn u ħames mitt (2500) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' Lira Maltija (Lm 1) kull sehem fil-kumpannija Borg Grech Estates Limited; (ċ) karozza tal-għamla *Seat 127* reġistrata E-5138; (d) għamara fid-dar imsemmija; u (e) elf tmien mija u tmienja u sebgħin Lira Sterlina (£ 1878) f'depożitu fin-National Savings Bank of Scotland. Jirriżulta[32] li l-vettura nbiegħet mill-missier wara li romol;

Illi ma ntwera li kien hemm l-ebda ġid ieħor li jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Lanqas ma tressqu provi li juru li l-omm kellha xi ġid partikolari jew parafernali. Għalhekk, bi tħaddim tal-liġi[33], sehem l-omm mill-komunjoni tal-akkwisti huwa ta' nofs ($^1/_2$) il-ġid f'kull waħda mill-partiti hawn fuq imsemmija;

Illi l-Qorti tgħaddi biex tqis **it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi** fid-dawl tal-**eċċezzjonijiet fil-mertu** li qajmu l-imħarrkin dwarhom. Skond ir-rieda tal-omm fit-testment "*unica charta*", kemm l-attur u kif ukoll l-imħarrek tħallew werrieta tagħha f'ishma ndaqs suġġett għall-użufrutt favur il-missier u għall-prelegat imħolli favur l-imħarrek li jitħallas lilu mal-mewt ta' min jibqa' ħaj mit-testaturi. Dan ifisser li, skond ir-rieda tal-omm, l-attur u l-imħarrek kien imisshom kull wieħed sehem ta' kwart ($^1/_4$) mhux maqsum mill-ġid kollu identifikat taħt l-ewwel talba;

Illi, min-natura tagħhom, dawn it-tliet talbiet tal-attur huma talbiet li jsiru f'kull azzjoni ta' qasma ta' wirt. F'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt, li kienet tissejjaħ l-*actio familiae erciscundae* fid-Dritt Ruman, il-liġi[34] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn

[31] Ara Dokti "E", "E1", u "JRPX1", f'paġġ. 26, 29 u 200 tal-proċess
[32] Ara Dok "JRPX2", f'paġ. 208 tal-proċess
[33] Art. 1333 tal-Kap 16
[34] Art. 907 tal-Kap. 16

ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid *in natura*[35], (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur[36] u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs[37];

Illi xieraq jingħad li ħsieb il-liġi huwa li ħadd ma jista' jkun imġiegħel li jibqa' fil-komunjoni tal-ġid ma' oħrajn li għandhom sehem mill-istess ġid[38]. Din ir-regola tgħodd kemm jekk l-imsemmi ġid jaqa' f'idejn bosta nies minħabba l-ftuħ ta' wirt, u kemm ukoll jekk il-ġid ikun ġie f'idejn bosta nies b'kuntratt wieħed;

Illi minbarra dan il-liġi trid li, meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet u għandu jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantita' ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess għamla u valur[39]. Il-liġi tistabilixxi wkoll[40] li r-regola ewlenija fil-qasma ta' ishma f'wirt hi li dawk l-ishma jittellgħu bix-xorti, u huwa biss fil-każ li l-ishma m'humiex indaqs jew jekk il-partijiet kollha jaqblu li l-qasma għandha ssir b'assenjazzjoni[41]. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m'hijiex inflessibbli[42], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m'għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni. Jidher li din ir-regola tal-liġi m'hijiex fakoltativa imma tassativa[43];

Illi madankollu l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat;

Illi madankollu, din il-qagħda ntlaqtet b'dak li l-missier iddispona minnu fit-testment addizzjonali tiegħu. Huwa minnu li l-fakulta' li tingħata lil min jibqa' ħaj fost testaturi f'testment "*unica charta*" li jista' jibdel it-testment bla ma jaqa' fis-sanzjonijiet maħsuba fil-liġi, hija fakulta' li tippermetti lis-superstiti li jibdel jew iħassar it-testment biss safejn jolqot lil ġidu[44]. L-imsemmija fakulta' ma kienet qatt mifhuma li s-superstiti jkun jista' jibdel ukoll id-dispożizzjonijiet

---

[35] Art. 502 tal-Kap. 16
[36] Art. 504 tal-Kap. 16
[37] Art. 510(1) tal-Kap. 16
[38] Art. 496(1) tal-Kap. 16
[39] App. Ċiv. **17.4.1961** fil-kawża f l-ismijiet ***Randon noe vs Ebejer et*** (Kollez. Vol: **XLV.i.98**)
[40] Art. 510 tal-Kap. 16
[41] P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol.: **XLVIII.ii.1083**)
[42] Fadda Commentario Sulle Leggi Civili, §§ 993-6 u ara P.A. MCH **31.5.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Seamus Borġ vs Thomas Borġ*** (mhix appellata)
[43] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et*** (mhix appellata)
[44] Art. 593(1) tal-Kap 16 (qabel ma kien sostitwit bl-art. 49 tal-Att XVIII tal-2004) b'rabta mal-art 592(2) tal-Kap 16 u App. Ċiv. **19.4.1937** fil-kawża fl-ismijiet ***Bianchi vs Galizia noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.991**)

tastamentarji tat-testatur li jkun miet qabel. Il-miżżewġin Borġ Grech tabilħaqq taw lil min jibqa' ħaj minnhom il-fakulta' li jibdlu t-testment: imma b'fakulta' bħal dik, il-missier xorta ma setax jibdel dak li kienet riedet l-omm fid-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha;

Illi l-missier inqeda bil-fakulta' mogħtija lilu mill-omm u, minbarra li bidel id-dispożizzjonijiet testamentarji safejn jolqot il-ġid tiegħu, inqeda bil-fakulta' li jħalli b'legat ġid li ma kienx tiegħu kollu u li kien jagħmel mill-ġid tal-omm. Dan sar bis-saħħa tal-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor[45] jew fejn biċċa biss mill-ġid imħolli b'legat huwa tat-testatur[46];

Illi l-pretensjoni ta' l-attur f'din il-kawża hija għal nofs ($^1/_2$) mhux maqsum tal-ġid kollu tal-omm u s-sehem riżervat lilu mill-wirt tal-missier. L-attur[47] jgħid li għażel li jitlob li jingħata s-sehem riżervat għax huwa intitolat għalih bil-liġi u t-testment ta' missieru kien jaħseb għas-sitwazzjoni fejn hu sata' jitlob dak is-sehem[48]. Jgħid ukoll li għandu kull dritt li ma jaċċettax il-legat li ħallielu missieru fit-testment addizzjonali u, minflok, jitlob is-sehem riżervat[49];

Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, filwaqt li mhux qed jikkontestaw id-dritt li l-attur huwa intitolat għal sehmu mill-ġid tal-omm, jisħqu li l-fond imsejjaħ "*Id-Dar tas-Siġra*" (li kienet id-dar taż-żwieġ tal-ġenituri testaturi) ma baqax jifforma parti minn wirt l-omm, u dan minħabba l-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor li sar meta l-missier uża l-fakolta' li jiddisponi mod ieħor minn dak li hu u martu kienu qablu fuqu fit-testment *unica charta* u li bih ta bi prelegat lill-imħarrkin il-fond imsemmi. Jgħidu li, b'dan il-mod, l-attur inqata' għal kollox 'il barra mis-sehem li huwa seta' kellu minn dan il-fond;

Illi għar-rigward tat-talba tal-attur għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat mill-wirt tal-missier, l-imħarrkin jilqgħu billi jgħidu li din t-talba ma għandhiex tintlaqa' għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, għaliex il-legat imħolli lill-attur (fit-testment aġġuntiv tal-missier) kien maħsub li jkopri dak is-sehem li qed jippretendi l-attur; it-tieni, it-talba għas-sehem riżervat twassal biex tiskatta s-sanzjoni tad-diżeredazzjoni imposta mill-missier testatur fit-tielet artikolu tal-imsemmi testment aġġuntiv, ladarba l-attur ma qagħadx għal dak it-testment;

Illi l-Qorti qieset sewwa l-argumenti taż-żewġ partijiet u għar-rigward tal-ġid ta' l-omm waslet għal fehma li d-difiża mressqa mill-imħarrkin għandha mis-sewwa. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li l-fakulta' li t-testaturi taw lil xulxin li min jibqa' ħaj minnhom seta' jibdel jew iħassar id-disposizzjonijiet li jkunu qablu fuqhom, fil-fatt toħroġ mil-liġi[50]. Għalhekk, il-fatt li t-testatur inqeda

[45] Art. 696 tal-Kap 16
[46] Art. 698 tal-Kap 16
[47] Xhieda tiegħu f'paġ. 174 tal-proċess
[48] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 341 tal-proċess
[49] *Ibid* paġ. 340 tal-proċess
[50] Art. 593(1) tal-Kap. 16 (qabel ma ġie sostitwit bl-Art 49 tal-Att XVIII tal-2004)

minn dik il-fakulta' m'għandhiex tagħti lok għal sanzjonijiet dwar is-siwi ta' dak li għamel[51]. Fit-tieni lok, "*Id-dar tas-Siġra*" kienet ġid tal-komunjoni tal-akkwisti tat-testaturi, u għalhekk it-testatur kellu nofs minnha filwaqt illi n-nofs l-ieħor huwa tal-attur u l-imħarrek bħala werrieta ta' ommhom. Fit-tielet lok, illi meta t-testatur kien qiegħed jiddisponi wkoll minn sehem martu u ddikjara espressament li huwa jaf li l-ħaġa jew il-jedd tappartjeni lil ħaddieħor, il-kliem użat fit-tieni testment jirrifletti dak li jiddisponi l-artikolu 698 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid: "*Jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa mħollija b'legat, jew jedd fuq dik il-ħaġa, il-legat jiswa għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kinitx tiegħu kollha*". Bi qbil ma' kliem il-liġi, ir-rieda tal-missier testatur kienet li d-dispożizzjoni testamentarja li biha ħalla d-dar ta' San Ġwann b'legat lill-imħarrkin flimkien kellha tgħodd ukoll għal dak li qabel kien sehem martu mill-imsemmi fond. Fir-raba' lok, il-liġi tgħid ukoll li legat bħal dak jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħaġa jew biċċa minnha tkun tal-werriet[52];

Illi għall-finijiet tat-tielet talba attriċi il-Qorti tagħraf li l-perit tekniku ressaq deskrizzjoni u valutazzjoni dwar iż-żewġ immobbli, jiġifieri "*Id-Dar tas-Siġra*" ġewwa San Ġwann u l-fond "*Saint Elena's Palace*" ġewwa Birkirkara, iżda għal skop tat-tielet talba sejra titqies biss il-valutazzjoni tal-immobbli ġewwa San Ġwann, minħabba li l-fond l-ieħor kien ġid parafernali tal-missier u ma jagħmilx mill-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti;

Illi l-attur jissottometti li ma jaqbilx mal-Qorti dwar liema żmien għandu jgħodd biex jitqies il-valur tal-ġid tal-omm. Kemm hu hekk, wara li l-Qorti kienet tat id-degriet li bih ħatret lill-perit tekniku, l-attur ressaq talba biex il-Qorti tirrikonsidra, għaliex jisħaq li l-valur tal-ġid tal-wirt ta' ommu għandu jkun dak li l-istess ġid iġib fiż-żmien li sejra ssir il-qasma u mhux ta' dakinhar li nfetaħ il-wirt tagħha;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Fi kwestjonijiet ta' qasma ta' wirt, huwa stabilit li għandu jittieħed qies tal-valur tal-ishma fil-waqt li fih tinfetaħ is-suċċessjoni, għaliex huwa dak il-waqt li jnissel l-istat tal-komunjoni li jagħti lok għall-jedd li wieħed jitlob il-qasma[53];

Illi l-perit tekniku stima l-ġid magħruf bħala "*Id-Dar tas-Siġra*" ġewwa San Ġwann fis-somma ta' sebgħa u sebgħin elf, u ħames mitt Ewro (€ 77,500). Għaldaqstant is-sehem l-omm minn dan il-fond fil-waqt li fih infetħet is-suċċessjoni huwa ta' tmienja u tletin elf, seba' mija u ħamsin euro (€38,750)[54]. Minħabba l-fatt li fit-tieni testment tiegħu, il-missier ħalla dan il-fond bi prelegat lill-imħarrek u wassal biex qata' lill-attur għal kollox 'il barra mis-

---

[51] Rigward il-konsegwenzi li jsegwu kemm-il darba din il-fakolta ma tingħatax, ara per eżempju App Ċiv. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Caruana et vs Giuseppina Ainsworth et***
[52] Art. 697 tal-Kap 16
[53] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Melkisedek Deguara vs Rose Calleja et*** (mhix appellata)
[54] Relazzjoni tal-Perit Edgar A. Rossignaud f'paġġ. 252-257 tal-proċess

sehem li huwa kellu minn dan il-fond, għal skopijiet ta' likwidazzjoni taħt it-tielet talba attriċi, dan il-fond jrid jitħalla barra;

Illi bħala parti mill-ġid, l-omm kellha wkoll nofs l-ishma li żewġha kellu fil-kumpannija Borġ Grech Estates Limited, jiġifieri elf mitejn u ħamsin sehem (1250) li ngħataw valur ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u ħamsin Lira Maltin (Lm23,750[55]); nofs il-valur tal-vettura li s-sehem tagħha minnha kien stmat li jiswa tliet mija u ħamsin Lira Maltin (Lm350[56]); nofs il-valur tal-għamara li s-sehem tagħha minnhom huwa ta' tliet mija, sitta u ħamsin Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm356.50[57]); u nofs is-sehem tagħha mid-depożitu fil-bank fl-ammont ta' ħames mija sebgħa u tletin lira Maltin (Lm537[58]);

Illi bi tħaddim tar-regoli msemmija qabel, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ġid tal-omm, li jirrappreżenta n-nofs tal-ġid li jaqa' fil-komunjoni tal-akkwisti, fl-ammont ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn u dsatax-il euro, u dsatax-il ċenteżmu (€58,219.19) Minn dan l-ammont irid jitnaqqas nofs il-passiv u wkoll nofs il-prelegat imħolli mit-testatriċi lill-imħarrek. Il-passiv dikjarat kien jikkonsisti fin-nefqa tal-funerali tal-omm (€ 707.20) filwaqt li nofs il-prelegat imħolli lill-imħarrek kien jammonta għal elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u seba' u tletin ċenteżmi (€ 2329.37);

Illi għalhekk għall-finijiet tar-raba' talba attriċi l-Qorti qiegħda tillikwida l-wirt disponibbli tal-omm biex jinqasam bejn l-attur u ħuh l-imħarrek fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf mija u tnejn u tmenin euro u tnejn u sittin ċenteżmi (€ 55,182.62) li, kwantu għal sebgħa u għoxrin elf ħames mija u wieħed u disgħin euro u wieħed u tletin ċenteżmi (€ 27,591.31) huma dovuti lill-attur u daqstant ieħor lil ħuh l-imħarrek, li jrid jirċievi wkoll nofs il-legat imħolli lilu mill-omm;

Illi minħabba li l-omm kellha ishma fil-kumpannija Borg Grech Estates Limited, il-Qorti ssib li s-sehem ta' l-attur u tal-imħarrek jista' jittieħed billi jingħataw sitt mija u ħamsa u għoxrin (625) sehem ordinarju kull wieħed flimkien ma' xi somma li trid tiżdied biex tlaħħaq mal-ammont likwidat, jekk ikun il-każ;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-**ħames u s-sitt talbiet attriċi,** flimkien ma**l-eċċezzjonijiet fil-mertu** dwarhom. Dawn jirrigwardaw il-pretensjonijiet tal-attur dwar il-wirt ta' missieru;

Illi l-liġi kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (*quota bonorum*) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu

---
[55] Li jġibu € 55,322.62 fi flus tal-lum
[56] Li jġibu € 815.28 fi flus tal-lum
[57] Li jġibu € 830.42 fi flus tal-lum
[58] Li jġibu € 1250.87 fi flus tal-lum

effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt[59]. Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-*decuius*[60];

Illi matul is-smigħ tal-kawża ma ntweriex li l-attur irrinunzja għall-wirt ta' missieru għallanqas bil-mod imfisser mil-liġi[61]. Madankollu, dan ma jidhirx li huwa ta' xkiel biex seta' jressaq il-pretensjonijiet tiegħu għas-sehem riżervat, minħabba li bil-mod kif iddispona l-missier fit-testment aġġuntiv tiegħu, lill-attur ma ħallihx werriet imma biss legatarju[62];

Illi jsegwi li idejalment is-sehem riżervat irid jingħata *in natura*[63], jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew ikunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ[64]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral[65] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur[66]. Minbarra dan, is-sehem riżervat jingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni[67]. Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti[68];

Illi minħabba li l-missier kellu biss lill-attur u lill-imħarrek bħala wlied, is-sehem riżervat mill-wirt tal-missier kien ta' terz ($^1/_3$) tal-ġid kollu tiegħu, jiġifieri l-attur jista' jippretendi sest ($^1/_6$) minn dak il-wirt[69]. Dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu[70]. Dan ifisser li l-ulied kollha, kemm dawk li nħatru werrieta u wkoll dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt, iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat[71];

Illi huwa prinċipju wkoll li s-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih. Tali mgħax jibda għaddej minn dak inhar li

[59] P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)
[60] App. Ċiv. **10.6.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia noe et vs Mintoff noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472**)
[61] Art. 860 tal-Kap 16
[62] Art. 683 tal-Kap 16
[63] P.A. **22.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer et vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.574**)
[64] Art. 620(3) tal-Kap 16
[65] Art. 620(2) tal-Kap. 16
[66] Art. 620(4) tal-Kap. 16
[67] Art. 620(1) tal-Kap. 16
[68] P.A. **7.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Meli et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.696**)
[69] Art. 616(1) tal-Kap 16
[70] Art. 616(2) tal-Kap. 16
[71] Art. 618(1) tal-Kap. 16

jinfetaħ il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-leġittimarju u mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt[72];

Illi, kif ingħad qabel, l-imħarrkin iressqu żewġ difiżi għat-talbiet tal-attur dwar is-sehem riżervat: fl-ewwel argument jgħidu li bil-legat imħolli lilu fit-testment aġġuntiv, l-attur ingħata ġid biżżejjed biex jagħmel tajjeb għas-sehem riżervat li l-liġi tista' tagħtih; fit-tieni argument (li huwa konfliġġenti mal-ewwel wieħed) jgħidu li l-attur tilef il-jedd li jitlob is-sehem riżervat ladarba ma qagħadx għar-rieda tal-missier fit-testment tiegħu u fetaħ din il-kawża;

Illi l-Qorti jidhrilha li jixraq li tqis l-ewwel it-tieni argument tal-imħarrkin, għaliex jekk kemm-il darba joħroġ li huwa argument tajjeb, il-Qorti ma jkollhiex għalfejn tqis aktar dawn it-talbiet attriċi;

Illi biex persuna titlef il-jedd għal leġittima, it-testatur fit-testment irid isemmi raġuni biex jiġġustifika għaliex qiegħed jaqta' barra mill-wirt tiegħu lil xi persuna li bil-liġi għandha l-jedd tirtu. Id-diżeredazzjoni għandha l-effett li, fejn tkun tgħodd u fil-każijiet maħsuba mil-liġi, saħansitra ċċaħħad lil min ikun hekk intitolat ukoll minn dak is-sehem riżervat. Il-liġi trid li r-raġuni tad-diżeredazzjoni tissemma espressament fit-testment[73], u l-prova tagħha trid issir mill-persuna li tallegaha[74]. Iżda l-aktar ħaġa li torbot għal dan il-każ huwa li r-raġuni li tissemma trid ukoll tkun waħda mir-raġunijiet imsemmijin fil-liġi f'lista li hija tassattiva u ma tippermettix tifsira b'analoġija;

Illi għalkemm il-qagħda tal-attur ikkomplikat ruħha bit-tibdiliet li daħħal missieru fit-testment aġġuntiv tiegħu (b'mod partikolari bit-tielet artikolu tiegħu), fil-fehma tal-Qorti dak li jipprovdi l-istess tielet artikolu għandu jitqies biss li jkun ta' deterrent għall-attur milli jitlob is-sehem riżervat, iżda mhux li l-attur fil-fatt jitlef il-jedd għalih;

Illi dak li jipprovdi t-tieni artikolu tat-tieni testment tat-testatur ma jaqax taħt ebda waħda miċ-ċirkostanzi tassattivi msemmija fl-artikolu 623 tal-Kodiċi Ċivili. L-attur dan jafu tant li fl-azzjoni li ressaq, mhux qed jittanta jħassar it-testment ta' missieru iżda biss li jitlob dak l-liġi tirriżerva għalih bħala jedd, jiġifieri li jingħata l-leġittima. Minbarra dan, ladarba l-missier ma semma l-ebda waħda mir-raġunijiet li tagħraf il-liġi, il-jedd tal-attur li – minkejja li ma tħalliex b'werriet tat-testatur – jitlob li jingħata s-sehem riżervat huwa jedd li joħroġ mil-liġi[75];

Illi l-imħarrkin isejsu l-argument tagħhom fuq il-fatt li jgħidu li bl-imġiba tiegħu l-attur naqas mir-rispett lejn l-aħħar rieda tal-missier. Ma hemmx dubju li, fl-aħħar snin ta' ħajjet il-missier, kienu nqalgħu kwestjonijiet qliel bejnu u l-

---

[72] P.A. **16.5.1950** fil-kawżafl-ismijiet ***Said vs Borġ Grech noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.568**)
[73] Art. 622 tal-Kap. 16
[74] Art. 625(1) tal-Kap. 16
[75] Art. 629 tal-Kap 16

attur. Ir-rabtiet ta' bejniethom kienu birdu wkoll. Kien x'aktarx minħabba f'hekk li l-missier ħass li kellu jagħmel it-testment aġġuntiv u jieħu miżuri li huwa ħass li setgħu indirizzaw il-qagħda. Imma dan kollu ma jwassalx biex tintwera xi waħda mir-raġunijiet fuq imsemmija li bihom seta' ħalla lill-attur 'il barra għal kollox mill-wirt. Il-klawsola msemmija fit-testment ma hijiex waħda li taqa' taħt xi ċirkostanza li ssemmi l-liġi li twassal għall-effetti drastiċi tad-diżeredazzjoni;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha u ta' dak li tipprovdi l-liġi, il-Qorti tqis li l-argument tal-imħarrkin f'dan ir-rigward mhuwiex tajjeb u mhux ser jintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel argument tal-imħarrkin, il-valur tal-ġid imħolli b'legat lill-attur ikun rilevanti biss li kieku l-attur talab l-immissjoni fil-pussess tiegħu. Dan m'għamlux u lanqas jidher li qatt kellu l-interess li jagħmlu. Minbarra dan, illum jidher li lill-attur għaddielu ż-żmien li tagħti l-liġi biex legatarju jitlob li jingħata l-legat[76];

Illi għalhekk ukoll, lanqas dan l-argument tal-imħarrkin ma huwa tajjeb u l-Qorti sejra tilqa' s-sitt talba attriċi;

Illi għall-finijiet tal-ħames talba attriċi, il-Qorti trid tara x'kien jikkonsisti l-wirt tal-missier. Dak il-wirt kien magħmul minn nofs ($^1/_2$) il-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti u mill-ġid parafernali jew partikolari tiegħu;

Illi s-sehem mill-komunjoni tal-akkwisti jirriżulta minn dak li ssemma fir-rigward tal-ewwel talba attriċi. Jiġifieri, l-missier kellu n-nofs ta'(a) id-dar taż-żwieġ bl-isem ta' "*Id-Dar tas-Siġra*" fi Triq l-Arżnu, f'San Ġwann; (b) elfejn u ħames mitt (2500) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' Lira Maltija (Lm 1) kull sehem fil-kumpannija Borg Grech Estates Limited; (ċ) karozza tal-għamla *Seat 127* reġistrata E-5138; (d) għamara fid-dar imsemmija; u (e) elf tmien mija u tmienja u sebgħin Lira Sterlina (£ 1878) f'depożitu fin-National Savings Bank of Scotland;

Illi fuq dan il-ġid, tħallset taxxa lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fl-ammont ta' sitt elef, ħames mija wieħed u tmenin Lira Maltin, wieħed u għoxrin il-ċentezmu (Lm6581.21c)[77];

Illi b'żieda ma' dan, mill-provi ħareġ li l-missier kellu ġid partikolari[78]. Minn dawn il-provi ħareġ li l-għamara antika u pitturi li jinstabu fil-fond "*Id-dar tas-Siġra*" ġewwa San Ġwann, ħlief għal xi oġġetti identifikati fit-testment tal-missier kien wirithom l-istess testatur mingħand ommu[79] u għaldaqstant

[76] Art. 845(1) tal-Kap 16
[77] Dok. "VM-C" f'paġġ. 85 – 6 tal-proċess
[78] Ara Dok "JRPX2", f'paġ. 208 tal-proċess
[79] Dok. "D" f'paġġ. 12 – 3 tal-proċess

għandhom jitqiesu li huma ġid parafernali jew partikolari tiegħu. Daqstant ieħor jagħmel mill-ġid partikolari l-immobbli bl-isem ta' "*St. Helen's Palace*" fi Triq il-Wied, f'Birkirkara. Għal kumplament tal-ġid, wieħed ma jkunx qed jazzarda jekk iħaddem il-preżunzjoni tal-liġi li trid li l-ġid tal-miżżewġin jitqies li jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti fin-nuqqas ta' prova oħra[80];

Illi mill-provi ħareġ li, wara l-mewt tal-omm, il-missier biegħ il-karozza (ma jissemmiex kemm daħħal tagħha u meta biegħha) u fil-25 ta' Awwissu, 1989 (erbat ijiem qabel għamel it-testment aġġuntiv) assenja wkoll lil ibnu l-imħarrek mitejn u ħamsin (250) sehem mill-elf mitejn u ħamsin (1250) sehem li l-missier kellu fil-kumpannija Borġ Grech Estates Limited)[81]. Għalkemm l-ammont ta' taxxa tħallas[82], mill-provi mressqa lill-Qorti ma jirriżultalhiex kemm tħallset taxxa;

Illi din il-Qorti diġa' waslet għall-fehma li sejra tilqa' s-sitt talba attriċi. Biex tagħmel dan, trid tqis it-talba ta' qabilha. Il-kriterju li jrid jintuża mill-Qorti huwa dak tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat "fi żmien l-aktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjarja"[83]. Il-Qorti tqis l-istima li għamel il-perit tekniku tal-fond magħruf bħala l-Każin "Sant' Elena" ġewwa Birkirkara bil-prezz fis-suq illum (u dan sar fl-2015), fejn stima s-sehem tal-missier (nofs mhux maqsum) għall-valur ta' mija ħamsa u għoxrin elf ewro (€125,000). Dwar id-dar li fiha kien jgħix il-missier (u li tħalliet b'legat lill-imħarrkin), il-perit imqabbad mill-Qorti stima s-sehem li l-missier kellu fis-somma ta' mitejn u ħamsa u għoxrin elf euro (€ 225,000);

Illi l-Qorti tqis ukoll li formanti parti mill-ġid tal-missier hemm ukoll elf (1000) sehem li kien għad fadallu fil-kumpannija Borġ Grech Estates Limited wara t-trasferiment ta' mitejn u ħamsin (250) sehem lil ibnu l-imħarrek. Meta wieħed iqis il-valutazzjoni magħmula fid-denunzja tal-missier, wieħed jasal biex jistma l-istess ishma fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf mitejn u tmenin euro (€ 44,280). Il-Qorti tagħraf li jkollha timxi mal-imsemmija stima minħabba li ma tressqet l-ebda prova mill-attur dwar il-valur tal-ishma llum;

Illi l-Qorti se' jkollha wkoll tinqeda bl-istess kejl għall-valutazzzjoni ta' sehem il-missier mill-mobbli li kien hemm ġod-dar, li jammonta għal tmien mija u tletin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€ 830.42); depożiti fl-ammont ta' ħamest elef erba' mija u tnejn u tmenin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€ 5482.25) flimkien ma' ħames mija u disgħa u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 559.75) bħala flus depożitati f'kont bankarju f'Malta;

Illi l-partijiet, għar-raġunijiet imsemmijin minnhom, ma qablux mal-istejjem mogħtija mill-perit imqabbad mill-Qorti. Il-Qorti, madankollu, ittenni li

[80] Art. 1321(1) tal-Kap. 16
[81] Dok. "VM-B" f'paġ. 70 tal-proċess
[82] Dok. "B" f'paġ. 156 tal-proċess
[83] App Ċiv. **28.01.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Żammit et vs. Antonia Ellul***

għandha raġunijiet tajbin biżżejjed biex toqgħod fuq dawk l-istejjem. Dan tgħidu meta tqis li l-perit fisser tajjeb kif wasal għalihom, kemm ħa qies taċ-ċirkostanzi partikolari dwar kull waħda u kif ukoll għall-konsistenza li biha wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu mill-partijiet meta mressaq b'xhud tagħhom in eskussjoni;

Illi l-imħarrkin ressqu wkoll żewġ argumenti oħrajn kontra l-valutazzjonijiet mogħtija u li din il-Qorti trid tqishom qabel ma tgħaddi għal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat dovut lill-attur. L-ewwel sottomissjoni tirrigwarda l-fatt li, għal xi żmien, id-dar ta' San Ġwann kienet inkriet lill-imħarrek li mar jgħix fiha flimkien mal-familja tiegħu meta missieru kien għadu joqgħod hemm ukoll. L-imħarrkin jisħqu li l-valutazzjoni li jmissha tingħata lil dik id-dar trid tieħu in konsiderazzjoni l-kirja li kienet saret. Il-Qorti ma taqbilx. Bil-fatt li l-imsemmija dar tħalliet b'titolu ta' legat lill-imħarrkin u ladarba dawn aċċettaw il-wirt tal-missier, seħħet twaħħida fil-persuna tal-istess legatarji fis-sens li l-kirja ntemmet *ipso jure* meta huma saru s-sidien tal-post bis-saħħa tal-imsemmi legat. Dan seħħ minnufih malli miet il-missier;

Illi t-tieni argument tal-imħarrkin huwa fis-sens li mill-valur mogħti lid-dar ta' San Ġwann, imisshom jitnaqqsu n-nefqiet li saru minnhom matul iż-żmien. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li din il-pretensjoni hija mistħoqqa. Fl-ewwel lok, l-istima mressqa mill-imħarrkin hija għal kollox nieqsa minn riċevuti li jissostanzjaw il-pretensjoni. Fit-tieni lok, jekk kemm-il darba huwa minnu li l-imħarrkin wettqu n-nefqiet imsemmija, dawn saru għall-benefiċċju tal-wirt li issa huma werrieta tiegħu waħedhom u għalhekk ma jixraqx li jivvantaw dik il-pretensjoni fil-konfront tal-attur bħala leġittimarju. Kif ingħad qabel, il-leġittimarju ma kienx mistenni li jerfa' s-sehem ukoll mid-djun jew obbligazzjonijiet li seta' kellu l-wirt;

Illi l-passiv li ntwera li kellu l-wirt tal-missier kien jammonta għal tmint elef disa' mija u disgħa u erbgħin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€ 8949.85)[84];

Illi meħuda l-kunsiderazzjonijiet li ssemmew qabel, il-Qorti ssib li l-wirt tal-missier għall-finijiet tal-komputazzjoni tas-sehem riżervat mitlub mill-attur jammonta għal erba' mija u elf mija u tnejn u ħamsin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€ 401,152.42[85]). Minn dan il-valur, trid titnaqqas is-somma ta' tmint elef disa' mija u disgħa u erbgħin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€ 8949.85) bħala passivita' jew djun li kellu l-wirt tiegħu mal-ftuħ tal-istess wirt. Dan iġib il-vlur nett tal-wirt tal-missier fis-somma ta' tliet mija u tnejn u disgħin elf mitejn u żewġ euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€ 392,202.57);

Illi għalhekk, għall-finijiet **tas-sitt talba attriċi**, il-Qorti qiegħda tillikwida s-sehem riżervat mitlub mill-attur fis-somma ta' ħamsa u sittin elf tliet mija u

[84] Ara Dok "JRPX2", f'paġ. 209 tal-proċess
[85] € 225,000 + € 125,000 + € 44,280 + € 830.42 + € 5482.25 + € 559.75 = € 401,152.42

sebgħa u sittin euro u għaxar ċenteżmi (€ 65,367.10) li tirrappreżenta s-sehem tiegħu ta' parti minn sitta (1/6) tal-ġid li jirriżulta li kellu missieru kellu dak inhar li miet. Dan l-ammont irid jitħallas lilu mill-imħarrkin bħala l-werrieta universali tal-missier;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tipprovdi dwar l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn Yvonne u żewġha Ernest Borġ Grech fid-data tal-mewt tal-istess Yvonne Borġ Grech kien jikkonsisti (a) fid-dar taż-żwieġ bl-isem ta' "*Id-Dar tas-Siġra*" fi Triq l-Arżnu, f'San Ġwann; (b) minn elfejn u ħames mitt (2500) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' Lira Maltija (Lm 1) kull sehem fil-kumpannija Borg Grech Estates Limited; (ċ) karozza tal-għamla *Seat 127* reġistrata E-5138; (d) għamara fid-dar imsemmija; u (e) elf tmien mija u tmienja u sebgħin Lira Sterlina (£ 1878) f'depożitu fin-National Savings Bank of Scotland -

**Tilqa' t-tieni talba attriċi**, u tordna l-qasma tal-imsemmi ġid tal-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ (2) ishma ndaqs, b'sehem ikun assenjat lill-ġid partikolari ta' Yvonne Borġ Grech u s-sehem l-ieħor lill-ġid partikolari ta' żewġha Ernest Borġ Grech;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi,** u tillikwida l-ġid ta' Yvonne Borġ Grech fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf mija u tnejn u tmenin euro u tnejn u sittin ċenteżmi (€ 55,182.62);

**Tilqa' r-raba' talba attriċi**, billi taqsam il-wirt tal-imsemmija Yvonne Borġ Grech in kwantu għal sebgħa u għoxrin elf ħames mija u wieħed u disgħin euro u wieħed u tletin ċenteżmi (€ 27,591.31) lill-attur u daqstant ieħor lil ħuh l-imħarrek, li jrid jirċievi wkoll nofs il-legat imħolli lilu mill-omm;

**Tilqa' il-ħames talba attriċi** u tillikwida l-valur nett tal-ġid tal-wirt ta' Ernest Borġ Grech fis-somma ta' tliet mija u tnejn u disgħin elf mitejn u żewġ euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€ 392,202.57);

**Tilqa' is-sitt talba attriċi,** tillikwida u tassenja lill-attur bi ħlas lilu tas-sehem riżervat mill-wirt ta' missieru s-somma ta' ħamsa u sittin elf tliet mija u sebgħa u sittin euro u għaxar ċenteżmi (€ 65,367.10), liema ammont irid jitħallas lilu mill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom; u

**Tipprovdi dwar is-seba' talba attriċi** billi, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tordna li l-attur jerfa' waħda minn sitta ($^{1}/_{6}$) tal-**ispejjeż tal-kawża**, u l-imħarrkin iħallsu l-ħamsa minn sitta ($^{5}/_{6}$) l-oħrajn.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**31 ta' Jannar, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**31 ta' Jannar, 2018**